MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 482/2005/1

**Alfred Joseph Baldacchino fil-kwalita` tieghu bhala Gran Mastru tal-Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri**

**v.**

**Carmel Sandro Calleja u David Formosa**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-attur appellant Alfred Joseph Baldacchino permezz ta’ rikors tal-15 ta’ Gunju 2011 sabiex din il-Qorti tirriferi l-kwistjoni

ta' natura sollevata fl-istess rikors lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex jigi deciz jekk il-fatt illi huwa prekluz milli javvanza l-pretensjoni tieghu quddiem dawn il-Qrati jilledulux id-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 6 para. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea, ossia d-dritt ta' access ghall-Qorti, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jkun jidhrilha xierqa u opportuni.

Fir-rikors tieghu msemmi r-rikorrent gibed l-attenzjoni ghall-fatt li fil-proceduri odjerni huwa kien qieghed jitlob lill-Qorti:-

i) Tiddikjara illi meta l-konvenuti pprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancilliere rispettivament ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepuchri huma ghamlu hekk illegalment u abbuzzivament stante li mhumiex awtorizzati u dan prevja kull dikjarazzjoni li jidhrilha opportun din l-Onorabbli Qorti.

ii) Tordna lill-konvenuti sabiex jiddesistu milli jipprestaw ruhhom bhala Vigarju Gran Mastru/Reggent u bhala Gran Kancillier rispettivament ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sacnti Sepulchri, u sabiex jiddesistu milli jagixxu f'isem l-istess ordni.

iii) Tikkonferma l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 475/2005 fl-ismijiet premessi.

Huwa kompla jirrileva li l-ewwel Qorti, b'sentenza tal-10 ta' April 2008, kienet laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut Carmel Sandro Calleja li l-Qorti ma kellhiex kompetenza tiddeciedi l-kawza ghaliex tkun qed tirrikonoxxi l-ordni fuq imsemmija kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap. 251 tal-ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

Ir-rikorrent zied jghid li huwa kien appella ghal quddiem din il-Qorti mis-sentenza msemmija u fost l-aggravji tieghu hemm dak li b'effett tas-sentenza appellata u bi ksur tal-Artikolu 6 para 1 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa gie mcahhad l-access lill-Qorti sabiex jitlob ir-rizoluzzjoni tad-

dizgwid bejnu u terzi rigwardanti t-tmexxija u l-amministrazzjoni tal-ghaqda fuq imsemmija.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Huwa minnu li wiehed mill-aggravji dedotti fir-rikors tal-appell hu fis-sens li s-sentenza tal-ewwel Qorti effettivament tfisser li waqt li kwalsiasi ghaqda ohra ghandha access ghall-Qorti sabiex titlob dikjarazzjonijiet gudizzjarji f'kaz ta' disgwid bejn membri rigwardanti r-regoli u l-istatut taghha, appena dik l-ghaqda tissemma "Ordni" allura titlef id-dritt ghal dak l-access u dan anke bi ksur tal-Artikolu 6 para. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea. Din l-alluzjoni ghall-Artikolou 6 para. 1 tal-Konvenzjoni, izda, hija bhala sottomissjoni in sostenn tal-appell tieghu fejn l-aggravju principali tieghu huwa fis-sens li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti illi jekk il-Qorti tidhol biex tissindika jekk il-konvenuti ghandhomx il-kariga ta' Vigarju Gran Mastru/Reggent u Gran Kancillier rispettivament tal-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri dan b'xi mod jimporta implicitament rikonoxximent mill-Qorti tal-istess Ordni msemmi. Fir-rikors ta' appell tieghu ir-rikorrent igib 'il quddiem diversi ragunijiet in sostenn ta' dan l-aggravju tieghu. Dan l-aggravju ma fih ebda rifless ta' natura kostituzzjonali u jekk jigi milqugh allura s-sentenza appellata tigi mhassra u certament ma jkunx izjed jista' jinghad li huwa gie mcahhad minn xi access ghall-qorti.

Anqas hu korrett li jinghad, kif jghid ir-rikorrent fir-rikors tieghu, li "fil-kawza odjerna l-esponenti, fi kwistjoni rigwardanti l-amministrazzjoni ta' l-Ordni Ordo Byzantinus Sancti Sepulchri m'ghandux access ghall-Qorti" ghaliex s'issa huwa inghata access pjen ghall-qrati u ghadu qieghed jinghata access lill-qrati billi qieghed jappella quddiem din il-Qorti, u dan ghaliex s-sentenza appellata ghadha ma ghaddietx in gudikat.

Ir-rikorrent ghadu fil-kors li jezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih li ghad jistghu jaghtuh ragun fil-mertu tal-pretensjoni tieghu u ghalhekk ma jkun hemm ebda cahda ta' access ghall-qrati u dan hu proprju dak mistenni mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea li

jirrikjedu li qabel persuna tadixxi lill-qrati ta’ kompetenza kostituzzjonali ghandha qabel xejn tkun ezawriet ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha u dan ir-rikorrenti ghadu ma ghamlux.

**Provvediment**

Ghaldaqstant peress li l-Qorti hi tal-fehma illi t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali u konvenzjonali sollevata mir-rikorrent hi semplicement frivola u vessatorja a tenur tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3)(8) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) qeghdha ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent sabiex din il-Qorti tibghat il-kwistjoni msemmija quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili.

L-ispejjez ta’ dan l-incident ikunu a karigu tar-rikorrent.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------